**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

## IL-ĦAMES LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 16 – Il-ĦAMIS, 23 TA' SETTEMBRU 2010 FIT-8.30PM

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

### 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda fejn il-kelma "temporanju" għandha tidħol fil-paragrafu 7.3 biex tinqara "xogħol *temporanju*" ta' dawl fi ġnien Sir Leslie Rundle.

1.2 Is-Sur Antoine Vella ippropona li jigu approvati l-Minuti, is-Sur Anthony Mifsud issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Ħlasijiet u Pagamenti

2.1 Il-Pagament numru 27 għandu jiġi kkonfermat f'laqgha li ser issir il-Ġimgħa 24 ta Settembru mas-Sur Steve Petroni.

2.2 Is-Sur Anatole Scerri Diacono ippropona li jigu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Helen Maria Bugeja issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

3.1 Ġie deċiż li jiġi nfurmat id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fuq l-andament tal-*Accountant* li wara xahrejn għadu ma ppreżentax il-kotba tal-*accounts* lill-kunsill.

3.2 Ġie deċiz li jintalbu tliet *quotations* għal xogħol tal-elettriku fuq it-tiżjin tal-Milied. Għandhom ukoll jiżdiedu żewġ biċċiet. Waħda "Il-Kunsill Jawgura l-Festi t-Tajba", li għandha teħel ġo Pjazza Palma u oħra "Il-Festi t-Tajba" li għandha teħel ġo Triq l-iMtarfa ħdejn l-Iskola Sekondarja.

3.3 Ġie deċiż li l-Kunsill jalloka baġit ta' 1000 Euro biex jintnefqu fuq għamara u *filing cabinets* fil-kamra tas-Segretarju.

3.4 Ġie deċiż li jinxtara *First Aid Kit* għall-uffiċċju tal-Kunsill.

3.5 Informa lill-Kunsill li r-risposta mingħand il-*Government Property Division* għall-ittra li kien intbagħtet rigward id-devoluzjoni tal-iskola Sir Temi Zammit kienet waħda negativa. Dan għaliex kienet se tibqa' tintuża għar-raġunijiet edukattivi. Ġie deċiż li tintbagħat ittra oħra li jekk dan ma jseħħx, il-Kunsill ikun infurmat biex japplika għal devoluzjoni.

3.6 Informa lill-Kunsill li wasal iċ-*cheque* ta' 500 Euro mill-*Green MT* li kien fuq ftehim ta' *sponsorship* għal *Military Mtarfa*.

3.7 Informa lill-Kunsill li wasal iċ-*cheque* ta' 1200 Euro li hu fuq ftehim dwar *reinstatement* ghas-sena 2007.

3.8 Ġie deċiż li s-Segretarju ma jattendix ghall-Kungress tas-Segretarji Eżekuttivi ġewwa Strasbourg, minħabba raġunijiet finanzjarji.

3.9 Ġew mitluba l-*profile* tal-kunsilliera biex dawn jitqiegħdu fuq il-*website* l-ġdida tal-kunsill.

3.10 Ġie deċiż li l-bandli l-antiki jitqiegħdu f'żona fi Triq Sir Leslie Rundle minħabba li fejn kienu se jitqiegħdu qabel, fejn l-*Isolation Hospital*, ma kienx se jkun possibli minnħabba regolamenti ta' Transport Malta.

3.11 Ġie deċiż li l-kumpanija li avviċinat lill-kunsill, jitħalla jqiegħed żewġ skips għar-rwċiklaġġ tal-ħwejjeġ.

3.12 Ġie deċiż li jitħallas l-*excess* tal-*claim* li l-kunsill se jiftaħ rigward s-siġra li waqgħet fuq karozza fi Triq San David.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġie deċiż li nikkwantifikaw in-numru ta' anzjani li għandhom bżonn trasport għad-*Day Care Centre*.

4.2 Ġie deċiz li jinxtraw il-pompi li se jintużaw għall-funtani.

4.3 Infurma lill-kunsill li ġie infurmat mill-MRRA li x-xogħol fuq il-bandli l-ġodda se jinbeda f'Jannar 2011.

4.4 Ġie deċiż li jsir kuntatt mas-Sur Paul Gatt, biex jara jekk iridx ikun il-Ko-ordinatur tal-*Military Mtarfa* għas-sena 2011.

4.5 Ġie deċiż li ssir talba uffiċjali lil Transport Malta, biex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq San Oswald.

4.6 Informa lill-Kunsill li ħarġet skema biex ir-residenti jneħħu l-ariel minn fuq il-bjut tagħhom.

4.7 Informa lill-Kunsill li l-iMtarfa se tkun mat-tramuntana f'LES minn Jannar 2011.

4,8 Is-Sindku ippropona li it-Triq bla isem ħdejn ġnien Leslie Rundle, tissema Triq is-27 ta April. Il-Viċi sindku ippropna li tissema għal Ecel. Guido Demarco. Ġie deċiż li nipproponu lil l-is-*Street Naming Committee* li tissema Triq is-27 ta' April.

**5 Aġġornamenti u xogħlijiet**

5.1 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm bozza li għandha bżonn tinbidel fi Ġnien is-Sinjura. Id-data tal-BBQ għal dawk li ħadu sehem fil-ġemellaġ se tinbidel għat-22 ta' Ottubru u l-post se jinbidel għal Ta' Klariċċ. Ġie deċiż li jitwaħħlu *disclaimers* mal-entraturi tal-bandli. Ġie deċiż ukoll li l-kunsill jerġgħu jorganizzaw l-*aerobics*. Il-Kunsill għandu jħallas għal *gymnasium*.

5.2 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Tlesta x-xogħol fi Triq Ħażnet l-Ilma. Ġew irranġati numru ta' tabelli tat-traffiku. Saru tindif tal-*culverts* u inbena l-ħajt fi Triq Dar il-Kaptan. Tlesta it-tikħil u t-tibjid tal-ħajt fi Triq Leslie Rundle

5.3 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Il-Kumpanija Baxter se tisponsorja bejn 60 u 80 siġra. Dawn għandhom jitħawlu fi Sqaq Alessi. Qabel dawn ma jitħawlu, irid isir xogħol infrastrutturali. Ġie deċiż li niktbu l-Enemalta biex nitolbu li jsir aktar dawl fil-*bypass* tal-iMtarfa u li niktbu lid-Direttur tal-Gvern Lokali rigward iż-żjarat tal-CABS fl-iMtarfa. Għandha ssir komunikazzjoni mal-kuntrattur tas-*soft areas* biex jitħawlu fjuri fejn l-iskola u biex jitkompla x-xogħol fil-bosk. Ġie deċiż li l-*First Aid Courses* isiru mar-*Red Cross*. Għandhom jitwaħħlu żewġ mirja tat-traffiku. Ġie deċiż li l-iscouts jagħmlu użu mill-kompjuters li hemm l-uffiċċju tal-kunsill bejn is-16 u s-17 ta' Ottubru għal jamborin. Għandu jiġi verifikat l-*agreement* ta' bejn il-kunsill u t-TCTC.

5.4 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Hemm problema wara l-bieb ta' 1, Triq Sir Temi Zammit. Is-segretarju għandu jagħmel kommunikazzjoni miegħu.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir fid-19 ta' Ottubru fit-8.30pm minħabba il-ħinijiet tax-xogħol tal-Viċi Sindku Simon Paul Fenech u l kunsillier Antoine Vella.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |